**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2024**

Rikors Numru: 225/24 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata zzewġu ġewwa Malta, nhar id-disgha(9) ta' Settembru tas-sena elfejn, (09.09.2000) u dana skond 1-anness ċertifikat taz-zwieġ mmarkat Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieġ twieled tifel, Matthew Micallef fil-25 ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (25.11.2005) kopja informalli tac-certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dok 'B';

3. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom jgħixu separatament minn xulxin u ssussegwentement isseparaw minn xulxin b'mod uffiċjali u legali permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Reuben Debono datat tnax (12) t' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (12.10.2015) liema kopja

awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'C1'u saret korrezzjoni fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni permezz ta kuntratt iehor in atti tan-Nutar Dr Annalisa Caruana datat 16 t' April 2022 li qed jigi wkoll hawn anness bhala Dok 'C2';

4. Illi llum il-ġurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent u l-intimata jirrikonċiljaw stante li ilhom jgħixu separatament u oltre minn hekk illum il-ġurnata għandhom ħajja separata minn xulxin u addirittura hemm rabtiet oħrajn ma' persuni oħra;

5. Illi in oltre r-rikorrent ma' għandu ebda pendenza rigward manteniment għal ibnu li llum huwa wkoll maġġorenni mentri l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reċiproku a favur ta' xulxin;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddevorzja u jaqbel li z-zwieġ għandu jigi maħlul;

7. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet meħtieġa għall- ottjenimnet tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn Geoffrey Micallef u Bridget Micallef u tiddikjara z-zwieġ tagħhom mahlul ai termini ta' l-Artokoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif wkoll tordna lir- Registartur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli għal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Mejju,  2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Ottubru 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.